**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 46/2013**
***Kienet addottata Aġenda nru. 41/2013***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 11 ta' Diċembru 2013**

**Ħin: Fit-8.30 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 45/2013

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 45/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 45/2013

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 45/2013.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mill-Ministeru għal Għawdex dwar il-permess tal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-iżvilupp tal-*front* ta' Marsalforn. Il-Kumitat ikkonferma d-deċiżjoni tal-Kunsill 'no objection' għall-proġett propost.

Memo 31/2013 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar identifikazzjoni ta' binjiet fil-lokalita' biex isir l-eżerċizzju tat-tiġdid tal-Karta tal-Identita'. Il-Kumitat qabel li jirrakkomanda s-sala Crystal Palace għal dan il-għan.

Dwar in-*numbering* tal-*lamp-posts* tal-*front* ta' Marsalforn u ta' Triq Santa Marija, il-Kumitat oġġezzjona li n-numri jsiru tal-*perspex* kif rakkomandat minn Galea Curmi Engineering u minflok sempliċiment jitwaħħlu *stickers*.

Il-Kumitat approva x-xiri ta' żebgħa lill-Beach Cleaning Section biex jiżbgħu l-bankijiet.

| **Applikazzjonijiet għal permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| (i) Jesmond Xerri – Mellos Bar<br>Għal attivita' 'band'<br>nhar l-14 ta' Diċembru 2013 bejn it-3.00pm u s-1.00am quddiem Mellos bar. | Approvata. |
| (ii) Fondazzjoni Arka<br>Għal *car boot sales*<br>Fit-2 u d-9 ta' Marzu, is-6 ta' April, l-4 ta' Mejju u l-1 u t-8 ta' Ġunju 2014. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

## 5. MILIED 2013

Il-Kumitat qabel li :

- isir kalendarju wieħed konġunt mal-Kunsill Lokali.
- fuq proposta tal-Viċi Chairperson, isir *carol singing* fl-istabbilimenti ta' Marsalforn biex jinġabru flus b' risq l-Istrina. Din l-attivita' ssir is-Sibt 21 ta' Diċembru.
- jintramaw festuni fi Triq l-Isqof Pace u Pjazza San Pawl mill-Kumitat tal-Armar.
- l-ikla tal-Milied issir f' nofsinhar il-Fliegu Restaurant.

## 6. FESTI PAWLINI 2014

Il-Kumitat qabel li jorganizza l-Festi Pawlini ġewwa Marsalforn.

Il-Kumitat approva:

- li jsir marċ mill-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ.
- jintramaw festuni fi Triq l-Isqof Pace u Pjazza San Pawl mill-Kumitat tal-Armar.
- tingħata tifkira tal-okkażjoni lit-tfal kollha ta' Marsalforn.

## 7. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 63/2013 – iċ-Chairperson Marija Saliba**
Jitwaħħal fanal dekorattiv fi Pjazza San Pawl kantuniera ma' Triq id-Duluri. Iċ-Chairperson qalet li s-sid tal-appartamenti oġġezzjona li jitwaħħal fanal mal-bini tiegħu u li kienet ser tara ssibx post alternattiv.

**Nru. KAM 64/2013 – is-Sur Joseph Zammit**
Biex it-tabella ta' direzzjoni li turi 'Is-Salvatur' issir b' tali mod li tinqara miż-żewġ naħat tat-triq, minn min ikun tiela' u nieżel.

**Nru. KAM 65/2013 – is-Sinjura Stephania Curmi**
Talbet biex issir bankina ġdida fi Triq Lifurna. It-talba kienet approvata.

**Nru. KAM 66/2013 – is-Sur Philip Bonello**
Biex tinżebagħ linja bajda fin-nofs tat-triq fi Triq il-Qbajjar. Il-Kumitat approva li jsir is-sinjal.

**Nru. KAM 67/2013 – is-Sur Joseph Camilleri**
Biex issir manutenzjoni tal-arkati fil-Bajja tal-Qbajjar. Intqal li dan huwa xogħol il-Gvern Ċentrali.

## 8. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat qabel li jitfa' b' gaffa s-sejjieħ imwaqqa' u t-trab fl-egħlieqi fi Triq Daħlet tal-Merżuq biex it-triq tlun tista' tinkesa bis-siment.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***